**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (38)

Illum se nlaqqagħkom ma' Freddie Fiteni mill-Isla - qaddief u ex-president tal-Kumitat tar-Regatta tal-Isla. Kont għamiltlu din l-intervista fil-ħanut tax-xorb ta' missieru Johnny, li jien niftakru tajjeb bħala wieħed mill-aqwa players tad-darts ta' żmiennu.

Fil-fatt fiż-żmien Freddie, dan il-ħanut kien sar club tad-darts, u kemm bħala team tad-darts kif ukoll il-players fuq bażi individwali mhux biss rebħu l-kampjonat lokali, iżda kisbu bosta suċċessi kbar kull darba li ppreżentaw lil Malta f'din id-dixxiplina sportiva barra minn xtutna u lagħbu kontra players barranin.

Iżda issa ħallina mill-logħob tad-darts u nkompli bil-kitba tagħna ta' kull ġimgħa dwar ir-Regatta Nazzjonali. L-ewwel mistoqsija tiegħi li għamilt lil Freddie Fiteni kienet dwar sehem tal-Isla fir-Regatta Nazzjonali ta' wara l-gwerra:

"Kif ta,f lili isibuni bħala Fredu 'Sapuna" - jien minn dejjem kont dilettant kbir ta' dawn it-tiġrijiet u f'żgħożiti niftakar lill-qaddiefa John Caruana (Bubbli John), Leli (in-Nanna Klara), Lorry Caruana u Salvu Formosa (PaSalv) li kien l-ekwipaġġ tad-dgħajsa ta' bl-Erbgħa fil-ħamsinijiet, kif ukoll niftakar li fid-dgħajsa tal-Midalji kellna jaqdfu lil Charlie Abela (il-Bormliż), Stambozzu, Toni Farrugia (iż-Żbiba) u lil Spiru Ġellel.

"Fl-ewwel tiġrijiet li saru wara l-gwerra, il-pika kienet bejna, tal-Birgu u tal-Marsa għaliex Bormla ma kinitx tieħu sehem għax ma kellhomx xatt. Imbagħad niftakar li minflok Spiru kien tela' Wenzu Schembri (it-Tobi) u minflok Toni (iż-Żbiba) kien tela' Ġanni Ghiller (it-Torta) u lil Louis Mallia, u dan il-crew kien għamel snin jirbaħ din il-korsa.

"Dak iż-żmien, kull korsa tat-tiġrija kienet akkanita u sabiħa ħafna. Kien żmien ukoll meta l-qaddiefa kienu jaqdfu għal xejn - sempliċiment għall-palju, meta il-palju kien biss ta' £4 ras ir-ras, u li kienu jeħduhomlok għall- kera tad-dgħajjes.

"Insomma, dak iż-żmien kien l-isbaħ żmien ta' żgħożiti għax l-Isla kienet tiddomina kull korsa!

"Niftakar li l-Isla dejjem kienet tarma tajjeb l-opri ż-żgħar u għamlu snin jiddominaw dawn il-korsi."

*Fil-Frejgatini, bħala tmunier kellkom lil Wenzu Zarb u jingħad li l-qaddiefa kollha li ħarreġ hu fil-Frejgatini finalment kollha sabu posthom fl-opri l-kbar ... veru?*

"Iva veru ... Wenzu Zarb li aħna konna nsibuh bħala "l-Bożin" għax kien il-coxwain tal-Wejla ta' Sant'Anġlu, kien bniedem kapaċi ħafna, u li f'dak iż-żmien kien ħareġ bl-idea tal-'Physical Training'... emminni Joseph meta ngħidlek, li Wenzu kien jgħaġġeb lil kulħadd ... jien naħseb li kien qrib is-sittin sena jekk ma kienx diġá qabiżhom - lill-koppji li kienu jaqdfu miegħu kien jħarriġhom għal ħafna ħin, taħriġ iebes ħafna, u mhux l-ewwel darba rajnieh jiġri fuq il-'Break Water' mal-aħwa Boldarini.

"Iżda qabel l-aħwa Joe u Tancred Boldarini huwa kien ħarreġ ukoll lil Leli Barbara u Peppi Edwards - dawk ħadu sehem bil-Frejgatina 'Cyclops' ta' John Caruana (il-Bubbli John) ... Wenzu bla dubju ta' xejn kien l-aqwa tmunier ta' żmienu ... "

*Tiftakar xi qaddiefa oħrajn ta' żmienek li għamlu isem f'dawn it-tiġrijiet tradizzjonali?*

"... niftakar lil Toni Ellul (Koj) li kien rama' dgħajsa tax-xogħol (Madonna ta' Lourdes) biex tieħu sehem f'ta Bi Tnejn għar-Raħal Ġdid, u aħna kellna narmaw għalih biex ngħadduh.

"Biex ikun għedt kollox, aħna qatt ma ħadniha bisserjetá din il-korsa. Għalina l-korsa ta' bl-Erbgħa u dik tad-dgħajjes tal-Midalji kienu l-aqwa żewġ korsi li minn dejjem konna narmaw għalihom, u konna nagħmlu minn kollox biex nirbħuhom.

"Jien dak iż-żmien kont inġerri fil-Ferilli u fil-Kajjiki li konna nikruhom minn Marsaxlokk. Imbagħad ħadna ċans b'tal-Midalji (second boat) li kien bena Ġużeppi Formosa (is-Suss) u bħala ekwipaġġ konna jien, France Mizzi, Balel u Kikku ... aħna ħadna sehem bil-għan li nippruvaw nirbħu l-palju tat-tieni jew tat-tielet post.

"Imbagħad wara li fid-dgħajsa ta' bl-Erbgħa kien spiċċa Ġorġ Caruana (il-Bubbli John) kien tbiddel l-ekwipaġġ, u hawn se nidħol in xena jien, għax f'dak iż-żmien għamilna snin nirbħu aħna.

"Niftakar li kif waqaf Ġorġ, l-ekwipaġġ ta' bl-Erbgħa kien iffurmat hekk - Louis Mallia mar il-pruwa, Leli Micallef (In-Nanna Klara) mar fl-irmiġġ, Toni Farrugia (iż-Żbiba) fin-nofs u Salvu Formosa (il-Pa Salv) niżel fil-poppa.

"Jien imbagħad dħalt minflok Louis Mallia fid-dgħajsa tal-Midalji t-tajba, fl-irmiġġ, Charlie Abela (il-Bormliż) baqa' fil-pruwa, Ġanni Chiller (it-Torta) nofsier u Wenzu Schembri (it-Tobi) poppier.

*Inkun korrett jekk ngħid li d-distretti kollha f'dik l-epoka kienu jarmaw għalikom?.*

"Dak iż-żmien, il-Kalkara kienu armati tajjeb u kellhom qadfa ħafifa, iżda peress li f'dik l-edizzjoni, mingħalija l-1958 konna dħalna f'xulxin - il-palju rebħuh l-Birgu.

"Wieħed jista' jimmaġina x'ferħ u briju għamlu l-partitarji tal-Birgu meta dan il-palju wara seba' snin konsekuttivi għandna għadda f'idejhom.

"Imbagħad bdew jinqalgħu l-inċdenti!. Bdew jarmaw il-Kalkara u l-Marsa. Imma aħna konna armati tajjeb!

"S'intendi l-kwistjoni politika tal-1959 tatna daqqa lura. Niftakar li kienet saret laqgħa mqanqla fil-każin tal-football fl-Isla. Kien attenda għaliha wkoll Matty Grima, u f'din il-laqgħa kien hemm qasma bejn il-Kumitati Distrettwali għax kien hemm min ried imur jaqdef waqt li oħrajn ma ridux.

"Fil-fatt, fir-Regatta ta' dik is-sena kienu marru l-Kalkara waħidhom, waqt li l-Partit Laburista kien organizza tiġrija oħra fil-bajja ta' San Ġiljan li kienet spiċċat bl-inkwiet. Dak iż-żmien kemm Toni Camilleri (il-Kukkla) kif ukoll Toni Ellul (il-Koj) kienu qadfu mal-Kalkara."



Freddie Fiteni u Toni Farrugia - 1961

*Fid-dgħajjes tal-Midalji l-Isla għandha rekord li sallum għadu ħadd ma laħqu... seba' darbiet konsekuttivi, hux hekk?*

"Hekk hu, l-aħħar darba li ħadna l-ewwel f'tal-Midalji qabel ma sifirt jien kien fl-1957, imbagħad meta ġejt lura, u kont nokkupa l-kariga ta' president tal-club erġajna rbaħnieh mill-ġdid bl-ekwipaġġ iffurmat minn Joe Farrugia, Summy Thomas u Busuttil.

"Sakemm jien kont imsiefer, Bormla u l-Marsa bdew jiddominaw tista' tgħid kull korsa u t-tnejn kellhom is-snin glorjsużi tagħhom.

"Issa Joseph, tinsiex li jien qed nipprova nġedded il-memorja, u għalhekk nista' ninsa' xi dati jew ismijiet jew inħallat xi wħud minnhom.

"Iżda jidhirli li d-distrett tal-Kalkara qatt ma rebaħ il-korsa tal-Midalji. Jidhirli xi darba setgħu ħaduha huma għax f'waħda mit-tiġrijiet kienet spiċċat "photo finish" mal-Marsa u nqala' ħafna nkwiet, u wara t-tliet distretti (Kalkara, Bormla u l-Birgu) irtiraw mit-tiġrija u ma pparteċipawx fil-korsi l-oħra.

*Semmejtli lil Toni Ellul( il-Koj)... inti ma kontx qdift ma' Toni Farrugia (iż-Żbiba) u għaddejtuh?*

"Issa jekk tippermettili nixtieq nerġa' mmur ftit lura fis-snin ...

"Sewwa għedt - jien kont ġerrejt f'ta' Bi Tnejn ma' Toni Fa rrugia (iż-Żbiba) ... dak in-nhar Toni Ellul (il-Koj) ma kienx ħareġ, u magħna kienu ġerrew ta' Bormla.

"Dak in-nhar ħadna l-ewwel, u niftakar li fit-tiġrija ta' bl-Erbgħa wara din it-tiġrija l-erba' qaddiefa tagħna li kienu Toni ż-Żbiba, Salvu l-PaSalv, Leli n-Nanna Klara u Lorry Caruana kienu sfrattaw u qatt aktar ma qadfu flimkien.

Imbagħad bdew il-Kalkara u għamlu żmien jirbħu!... Toni ż-#biba kien qaddief tajjeb ħafna, iżda b'danakollu ma tistax tnaqqas il-mertu ta' Toni Ellul (Il-Koj) li kien qaddief tajjeb daqsu."

*(ikompli f'ħarġa oħra)*